	(4a) Huma u japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġixxu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"), obbligi relatati mal-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju tan-non-refoulement, u d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 174
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ġestjoni effettiva tal-fruntieri hija parti integrata fl-approċċ Ewropew għall-ażil u l-migrazzjoni, li jibni fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà.

Or. en

Emenda 175
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntieri. ***Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399,*** persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat ***u*** li ma ***jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat*** jenħtieġ li ***tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement***.	(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntieri. Persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat ***jenħtieġ*** li ma ***titħalliex titlob protezzjoni internazzjonali u*** jenħtieġ li***, minflok, tintbagħat lura lejn il-port ta' oriġini, l-aħħar pajjiż ta' tranżitu sikur jew il-pajjiż ta' oriġini tagħha***.

Or. en

Emenda 176
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntieri. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera	(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jitħallewx jevitaw ***illegalment*** il-verifiki fuq il-fruntieri. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li

b’mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa’ fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. ***F’konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b’mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement.***

tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE.

Or. en

Emenda 177
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f’verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta’ qsim tal-fruntiera***, *sabiex iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntieri***. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera b’mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa’ fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. F’konformità mal-Artikolu 3 ***tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu*** mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b’mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement.	(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. ***Madankollu, anki*** f'konformità mal-Artikolu 3 ***tal-istess Regolament, jenħtieġ li l-verifiki fil-fruntieri jitwettaq*** mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement ***u, f'konformità mal-Artikolu 4, jenħtieġ li l-Istati Membri, fost l-oħrajn, jaġixxu f'konformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet***

Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), id-dritt internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati li saret f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra").

Or. en

Emenda 178
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, sabiex ***iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntieri***. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. ***F'konformità mal-Artikolu*** 3 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***il-verifiki*** fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement.	(5) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399, il-verifiki fuq il-fruntieri jikkonsistu f'verifiki fuq il-fruntieri mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u sorveljanza fil-fruntieri, li jitwettqu bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, sabiex ***issir reazzjoni għaċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri***. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/399, persuna li tkun qasmet fruntiera b'mod mhux awtorizzat u li ma jkollhiex dritt li tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li tinqabad u tkun soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. ***Dan hu, madankollu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu*** 3 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***li skontu l-verifiki*** fuq il-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-refuġjati u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-non-refoulement.

Or. en

Emenda 179
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex jiġu pprevenuti u identifikati l-migrazzjoni mhux awtorizzata u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jevitaw il-verifiki fil-fruntieri fil-fruntiera esterna, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjonijiet għal ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. F'konformità mal-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament 2021/1148, dan jenħtieġ li jinkludi l-finanzjament tal-infrastruttura, tal-bini, tas-sistemi u tas-servizzi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri.

Or. en

Emenda 180
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li*** jitolbu protezzjoni internazzjonali ***mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar***, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera ***l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b'għadd*** kbir ta' wasliet fl-istess ħin. ***F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti*** kollha ***jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa ta'ażil jew***	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ***sitwazzjonijiet fejn*** ċittadini ta' pajjiżi terzi***, mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar,*** jitolbu protezzjoni internazzjonali, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera ***jista' jkun hemm għadd*** kbir ta' wasliet fl-istess ħin. ***Fiċ-ċirkostanzi kollha, il-proċeduri rilevanti għandhom isiru f'konformità mas-salvagwardji*** kollha ***stabbiliti***.

ritorn.

Or. en

Emenda 181
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali ***mingħajr*** dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera ***huma kkonfrontati b'għadd*** kbir ta' wasliet fl-istess ħin. ***F'ċirkostanzi*** bħal dawn, huwa partikolarment ***diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u*** li tiġi ddeterminata ***minnufih il-proċedura xierqa ta'ażil jew ritorn***.	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali ***u li ma jkollhomx*** dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera ***jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' għadd*** kbir ta' wasliet fl-istess ħin. ***F'ċirkustanzi*** bħal dawn, huwa partikolarment ***importanti*** li tiġi ddeterminata ***l-proċedura korretta malajr kemm jista' jkun***.

Or. en

Emenda 182
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-

fruntiera huma kkonfrontati b’għadd kbir ta’ wasliet fl-istess ħin. F’ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet ***tad-data*** rilevanti kollha jiġu kkonsultati ***u li*** tiġi ddeterminata ***minnufih*** il-proċedura ***xierqa ta’ażil jew ritorn***.	fruntiera huma kkonfrontati b'għadd kbir ta' wasliet fl-istess ħin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet ***ta' data*** rilevanti kollha jiġu kkonsultati ***biex*** tiġi ddeterminata ***l-proċedura ta' ritorn jew*** il-proċedura ***għall-ipproċessar tat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali f'ċentru ta' akkoljenza ta' stat sieħeb li jkun pajjiż terz***.

Or. en

Emenda 183
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f’xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b’għadd kbir ta’ wasliet fl-istess ħin. F’ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa ***ta’ażil jew ritorn***.	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b'għadd kbir ta' wasliet fl-istess ħin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 184
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f’xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b’għadd kbir ta’ wasliet fl-istess ħin. F’ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa ta’ażil jew ritorn.	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar ***jew kwalunkwe dokument ieħor li jappoġġja l-istqarrijiet tagħhom***, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b'għadd kbir ta' wasliet fl-istess ħin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa ta' ażil jew ritorn.

Or. en

Emenda 185
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr ***dokumenti*** tal-ivvjaġġar, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f’xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b’għadd kbir ta’ wasliet fl-istess ħin. F’ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa ta’ażil jew ritorn.	(6) Il-gwardji tal-fruntiera spiss jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr ***l-identifikazzjoni u/jew id-dokumenti*** tal-ivvjaġġar ***meħtieġa***, kemm wara li jinqabdu waqt is-sorveljanza fil-fruntieri kif ukoll waqt kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Barra minn hekk, f'xi sezzjonijiet tal-fruntiera l-gwardji tal-fruntiera huma kkonfrontati b'għadd kbir ta' wasliet fl-istess ħin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa partikolarment diffiċli li jiġi żgurat li l-bażijiet tad-data rilevanti kollha jiġu kkonsultati u li tiġi ddeterminata minnufih il-proċedura xierqa ta' ażil jew ritorn.

Or. en

Emenda 186
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi żgurat ***l-immaniġġjar*** rapidu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippruvaw jevitaw verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li ***jiġu żbarkati*** wara operazzjoni ta' ***tfittxija*** u salvataġġ, ***jeħtieġ*** li jiġi pprovdut qafas ***aktar b'saħħtu*** għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika***,*** l-eżami tal-ħtieġa ***għall-protezzjoni*** internazzjonali ***u*** l-applikazzjoni ***tal-proċeduri ta' ritorn***.	(7) Sabiex jiġi żgurat ***ritorn*** rapidu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***daħlu illegalment jew li*** jippruvaw jevitaw verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li ***ma jiġux irritornati mill-bastiment lejn il-port ta' oriġini*** wara operazzjoni ta' ***tiftix*** u salvataġġ, ***huwa meħtieġ*** li jiġi pprovdut qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika ***u s-sikurezza pubblika li jippermetti*** l-eżami ***rapidu u effiċjenti*** tal-ħtieġa ***tal-protezzjoni internazzjonali f'ċentru ta' akkoljenza ta' stat sieħeb li jkun pajjiż terz fejn il-protezzjoni*** internazzjonali ***tiġi pprovduta jekk*** l-applikazzjoni ***tiġi approvata u jekk tiġi rrifjutata jiġu żgurati ritorni rapidi lejn il-portijiet ta' oriġini, l-aħħar pajjiż ta' tranżitu sikur jew il-pajjiżi ta' oriġini***.

Or. en

Emenda 187
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex ***jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jippruvaw jevitaw*** verifiki fuq ***il-fruntieri*** jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera ***mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni*** bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, ***il-protezzjoni*** tas-saħħa pubblika, ***l-eżami tal-ħtieġa*** għall-protezzjoni ***internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn***.	(7) Sabiex ***jittejbu l-proċeduri fir-rigward*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***ma kinux soġġetti għal*** verifiki fuq ***il-fruntiera*** jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera ***jew fi kwalunkwe parti oħra tal-fruntieri esterni, hija meħtieġa kooperazzjoni*** bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti ***bħal dawk*** responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, ***għall-protezzjoni*** tas-saħħa ***individwali u*** pubblika, għall-protezzjoni ***tat-tfal u għall-eżami tat-talbiet għall-protezzjoni internazzjonali***.
	Or. en

Emenda 188
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar ***rapidu*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jippruvaw jevitaw*** verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' ***tfittxija*** u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-ħtieġa ***għall-protezzjoni*** internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.	(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar ***aħjar*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***ma kinux soġġetti għal*** verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' ***tiftix*** u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa ***individwali u dik*** pubblika, ***il-protezzjoni tat-tfal,*** l-eżami tal-ħtieġa ***tal-protezzjoni*** internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.
	Or. en

Emenda 189
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jippruvaw jevitaw*** verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' ***tfittxija*** u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-ħtieġa ***għall-protezzjoni*** internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.	(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu ***u aħjar*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***ma jkunux ġew soġġetti għal*** verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' ***tiftix*** u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, ***is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali,*** il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, ***il-ġestjoni tal-każijiet vulnerabbli,*** l-eżami tal-ħtieġa ***tal-protezzjoni*** internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.

Or. en

Emenda 190
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippruvaw jevitaw verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul ***jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ***, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-	(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippruvaw jevitaw verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-ħtieġa għall-

protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ ritorn.	protezzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.

Or. en

Emenda 191
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippruvaw jevitaw verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f’punt ta’ qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b’saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ ritorn.	(7) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar rapidu ***u effiċjenti*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippruvaw jevitaw verifiki fuq il-fruntieri jew li jitolbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul jew li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, jeħtieġ li jiġi pprovdut qafas aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għall-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-eżami tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.

Or. en

Emenda 192
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) B’mod partikolari, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kkonċernati jiġu	***imħassar***

rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien. Fl-istess ħin, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex tiġi miġġielda l-prattika li biha xi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jaħarbu wara li jkunu ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru abbażi tat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jagħmlu talbiet bħal dawn fi Stat Membru ieħor jew ma jagħmlu xejn.

Or. en

Emenda 193
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) B'mod partikolari, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien. ***Fl-istess ħin, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex tiġi miġġielda l-prattika li biha xi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jaħarbu wara li jkunu ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru abbażi tat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jagħmlu talbiet bħal dawn fi Stat Membru ieħor jew ma jagħmlu xejn.***	(8) B'mod partikolari, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien.

Or. en

Emenda 194
Peter Kofod, Annalisa Tardino, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***B'mod partikolari,*** l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien. ***Fl-istess ħin***, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex tiġi miġġielda l-prattika li biha xi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jaħarbu wara li jkunu ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru abbażi tat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jagħmlu talbiet bħal dawn fi Stat Membru ieħor jew ma jagħmlu xejn.	(8) L-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċeduri xierqa mill-aktar fis possibbli u li l-proċeduri jitkomplew mingħajr interruzzjoni u dewmien. ***B'mod partikolari***, l-iskrinjar jenħtieġ li jgħin biex tiġi miġġielda l-prattika li biha xi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jaħarbu wara li jkunu ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru abbażi tat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jagħmlu talbiet bħal dawn fi Stat Membru ieħor jew ma jagħmlu xejn.

Or. en

Emenda 195
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li ***jkun segwit minn eżami tal-ħtieġa*** għall-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li ***jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għal dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b'hekk titħaffef dak l-eżami***. L-iskrinjar jenħtieġ li ***jiżgura*** wkoll ***li persuni*** bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri***, sabiex*** kwalunkwe ħtieġa ***ta' akkoljenza u proċedurali*** speċjali ***jitqiesu***	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li ***jsir waqt l-istadju inizjali tal-eżami tat-talba*** għall-protezzjoni internazzjonali. ***L-awtoritajiet tal-iskrinjar*** jenħtieġ li ***jipprovdu l-informazzjoni kollha relatata maċ-ċittadin ta' pajjiż terz lill-awtoritajiet li jkunu qed jeżaminaw l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali b'mod li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu wkoll għarfien sħiħ ta' dan il-fatt***. L-iskrinjar jenħtieġ li ***jikkontribwixxi*** wkoll ***għall-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet sabiex il-persuni*** bi bżonnijiet speċjali jiġu

b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.	identifikati fi stadju bikri ***ħalli*** kwalunkwe ***akkoljenza u*** ħtieġa ***proċedurali speċjali jiġu kkunsidrati bis-sħiħ. Madankollu, ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala persuna bi bżonnijiet*** speċjali ***anki wara li jkun intemm il-proċess tal-iskrinjar u dan imbagħad jenħtieġ li jitqies***.

Or. en

Emenda 196
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jkun segwit ***minn eżami*** tal-ħtieġa ***għall-protezzjoni*** internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti l-ġbir u ***l-qsim*** mal-awtoritajiet kompetenti ***għal dak l-eżami*** kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti ***għal*** dawn tal-aħħar ***biex*** jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b'hekk ***titħaffef*** dak l-eżami***. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha***.	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jkun segwit ***b'eżami*** tal-ħtieġa ***tal-protezzjoni*** internazzjonali ***f'ċentru ta' akkoljenza ta' stat sieħeb li jkun pajjiż terz***. Jenħtieġ li jippermetti l-ġbir u ***l-kondiviżjoni*** mal-awtoritajiet kompetenti ***ta'*** kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti ***biex*** dawn tal-aħħar jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni***, kemm jekk fi Stat Membru u kemm jekk f'ċentru ta' akkoljenza ta' stat sieħeb li hu pajjiż terz***, u b'hekk ***jitħaffef*** dak l-eżami***, u għar-rilokazzjoni rapida ta' persuni li qed jistennew ritorni lejn l-aħħar pajjiż ta' tranżitu sikur tagħhom, il-port ta' oriġini tagħhom, il-pajjiż ta' oriġini tagħhom jew it-trasferiment lejn ċentru ta' akkoljenza ta' stat sieħeb li hu pajjiż terz***.

Or. en

Emenda 197
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta’ dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jkun segwit ***minn eżami*** tal-ħtieġa ***għall-protezzjoni*** internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti ***l-ġbir u l-qsim*** mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami ***kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għal dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b’hekk titħaffef dak l-eżami. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li*** persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta’ akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b’mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jkun segwit ***b'eżami*** tal-ħtieġa ***tal-protezzjoni*** internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti ***lill-awtoritajiet tal-iskrinjar jaqsmu l-informazzjoni rilevanti*** mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami***. L-iskrinjar jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli u*** persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.

Or. en

Emenda 198
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta’ dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar ***jenħtieġ li jkun*** segwit ***minn eżami*** tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali. ***Jenħtieġ li*** jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti ***għal*** dawn tal-aħħar ***biex*** jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, ***u b’hekk titħaffef dak*** l-eżami. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta’ akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu ***b’mod sħiħ***	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar ***jista' jiġi*** segwit ***b'eżami*** tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali. ***Jista'*** jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti ***biex*** dawn tal-aħħar jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, ***jekk dan ikun jippermetti li*** l-eżami ***jitħaffef***. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu fid-

fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.	determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.

Or. en

Emenda 199
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jkun segwit minn eżami tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għal dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b'hekk titħaffef dak l-eżami. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li ***persuni*** bi bżonnijiet ***speċjali*** jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li jkun segwit ***minnufih*** minn eżami tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għal dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b'hekk titħaffef dak l-eżami. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li ***l-persuni vulnerabbli u l-persuni*** bi bżonnijiet ***speċifiċi*** jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.

Or. en

Emenda 200
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li ***jkun segwit minn eżami*** tal-ħtieġa għall-protezzjoni	(9) Fir-rigward ta' dawk il-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskrinjar jenħtieġ li ***jiffaċilita l-eżami*** tal-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali.

internazzjonali. Jenħtieġ li jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għal dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b'hekk titħaffef dak l-eżami. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.	Jenħtieġ li jippermetti l-ġbir u l-qsim mal-awtoritajiet kompetenti għal dak l-eżami kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għal dawn tal-aħħar biex jidentifikaw il-proċedura xierqa għall-eżami tal-applikazzjoni, u b'hekk titħaffef dak l-eżami. L-iskrinjar jenħtieġ li jiżgura wkoll li persuni bi bżonnijiet speċjali jiġu identifikati fi stadju bikri, sabiex kwalunkwe ħtieġa ta' akkoljenza u proċedurali speċjali jitqiesu b'mod sħiħ fid-determinazzjoni tal-proċedura applikabbli u fit-twettiq tagħha.

Or. en

Emenda 201
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali regolata fir-Regolament (UE) Nru XX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni].	***imħassar***

Or. en

Emenda 202
Peter Kofod, Laura Huhtasaari, Jaak Madison, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr	(10) L-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr

preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-eżami ta’ applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali regolata fir-Regolament (UE) Nru XX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni].	preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali regolata fir-Regolament (UE) Nru XX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni] ***jekk ma jkunx qed ixekkel is-sigurtà tal-fruntieri esterni***.

Or. en

Emenda 203
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b’konnessjoni mal-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta’ Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, ***kif ukoll għal persuni li jkunu żbarkaw wara operazzjonijiet ta’ tfittxija u salvataġġ,*** irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali jew le. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta’ tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.	(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali jew le. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.

Or. en

Emenda 204
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll ***għal persuni*** li jkunu ***żbarkaw*** wara operazzjonijiet ta' ***tfittxija*** u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali jew le. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.	(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim mhux awtorizzat ***jew illegali*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll ***għall-persuni*** li jkunu ***ġew żbarkati*** wara operazzjonijiet ta' ***tiftix*** u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali jew le. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.

Or. en

Emenda 205
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim ***mhux awtorizzat*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll ***għal persuni*** li jkunu ***żbarkaw*** wara	(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll ***għall-persuni*** li jkunu ***ġew żbarkati*** wara

operazzjonijiet ta’ ***tfittxija*** u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali ***jew le***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta’ tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.	operazzjonijiet ta' ***tiftix*** u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx ***jew le*** għall-protezzjoni internazzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.

Or. en

Emenda 206
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b’konnessjoni mal-qsim ***mhux awtorizzat*** tal-fruntiera esterna ta’ Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll ***għal persuni*** li jkunu ***żbarkaw*** wara operazzjonijiet ta’ ***tfittxija*** u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx għall-protezzjoni internazzjonali ***jew le***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta’ tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.	(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li jinqabdu b'konnessjoni mal-qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Eurodac għal raġunijiet oħra għajr l-età tagħhom, kif ukoll ***għall-persuni*** li jkunu ***ġew żbarkati*** wara operazzjonijiet ta' ***tiftix*** u salvataġġ, irrispettivament minn jekk japplikawx ***jew le*** għall-protezzjoni internazzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul.

Or. en

Emenda 207
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel

Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ***matul l-iskrinjar,*** kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li ***jkopri*** b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward ***tal-iskrinjar, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399***. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar ***l-istabbiliment u l-funzjonament*** indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li ***jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi*** tad-drittijiet fundamentali ***tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja*** tal-Fruntiera u tal-Kosta ***previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw	(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li b'mod partikolari ***jimmonitorja fuq bażi kontinwa l-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tal-fruntieri u ta' sorveljanza tal-fruntieri mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-aġenziji rilevanti tal-UE fit-territorji tagħha, il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement u*** r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward ***tal-prodċeduri ta' skrinjar,ażil u ritorn. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE u jirrapporta kull sena u pubblikament dwar is-sejbiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri tiegħu meħuda biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jingħata aċċess mingħajr xkiel għal kwalunkwe post jew dokumenti, li huwa jqis rilevanti għat-twettiq tal-mandat tiegħu, u jkun jista' jwettaq żjarat perjodiċi mħabbra u mhux imħabbra. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu, inkluż billi jiżguraw li l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-ombudspersons, l-organizzazzjonijiet indipendenti mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu parti mis-sistema ta' monitoraġġ***. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar ***l-implimentazzjoni***

allegazzjonijiet ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati ***malajr u*** b’mod xieraq.

tal-qafas previst fl-Artikolu 7, li jinkludi salvagwardji li jiżguraw il-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li ***jaġixxi f'sinerġija u jopera ma' strumenti oħra ta' monitoraġġ*** tad-drittijiet fundamentali ***tal-UE bħal, b'mod partikolari, dawk previsti mill-Artikoli 109, 110 u 111 tar-Regolament (UE) 2019/1896 (ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea*** tal-Fruntiera u tal-Kosta***), il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Asil] u r-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen]***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw ***l-allegazzjonijiet kollha*** ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, ***il-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn,*** inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati ***fil-pront, b'mod effettiv u kapaċi li jwassal għall-identifikazzjoni u s-sanzjoni ta' dawk responsabbli*** b'mod xieraq.

Or. en

Emenda 269

Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward ***tal-iskrinjar***, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jitħallew*** jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. ***L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu*** organizzazzjonijiet ***u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ***. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti	(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ***fl-operazzjonijiet kollha li jseħħu fil-fruntieri esterni u l-proċeduri kollha li jseħħu fil-kuntest tal-migrazzjoni,*** matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward ***tas-sorveljanza fil-fruntieri, l-iskrinjar, il-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn***, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiġu inkoraġġuti*** jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali ***indipedenti*** tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. ***Organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi indipendenti,*** organizzazzjonijiet ***tas-soċjetà ċivili u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jenħtieġ li jipparteċipaw fil-ħolqien, il-ġestjoni u l-operat tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jridu jiġu***

fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod xieraq.

żgurati protezzjoni adegwata meta jwettqu xogħolhom. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896***, il-mekkaniżmu għall-fini tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil] u minbarra l-monitoraġġ possibbli mwettaq minn korpi eżistenti ta' monitoraġġ nazzjonali jew internazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali indipendenti involuti fil-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u l-mekkaniżmu nnifsu jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod xieraq, inkluż billi jipprovdu aċċess għal siti jew dokumenti, u billi jwettqu investigazzjonijiet u jipprovdu rappurtar***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod xieraq***, inkluż bl-istabbiliment ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi u permezz ta' proċeduri li, f'każijiet ta' ksur tal-liġi, iwasslu għall-identifikazzjoni u s-sanzjonar ta' dawk responsabbli***.

Or. en

Emenda 270
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali,	(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali,

inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod xieraq.

inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ***, jew jiddeżinja wieħed eżistenti,*** u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li ***jikkomplementa l-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u*** jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod xieraq.

Emenda 271
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, ***kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta*** salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali ***fir-rigward tal-iskrinjar, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward*** tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ***jenħtieġ li*** tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. ***L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu*** organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***biex*** jipparteċipaw fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-	(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ***kull Stat Membru jrid jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ*** matul ***is-sorveljanza tal-fruntieri,*** l-iskrinjar, ***il-proċeduri kollha tal-ażil u tar-ritorn kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Huwa jenħtieġ li jistabbilixxi*** salvagwardji adegwati għall-indipendenza ***u l-effettività*** tiegħu***, ivara investigazzjonijiet meta jkunu meħtieġa u ħfassal miżuri dixxplinari u dissważivi***. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali***, inkluż l-użu*** tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ***trid*** tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***jridu*** jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. Organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti jipparteċipaw fil-monitoraġġ. Il-

monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod ***xieraq***.

mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod ***indipendenti***.

Or. en

Emenda 272
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li	(23) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u jimplimenta salvagwardji adegwati għall-indipendenza tiegħu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, kif ukoll ir-rispett għar-regoli nazzjonali applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif imsemmi fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE) 2016/399. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li

jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ u fir-rigward ta’ miżuri ta’ taħriġ xierqa. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex ***jipparteċipaw*** fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b’mod xieraq.	jitħallew jiksbu parir mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex ***jassistu*** fil-monitoraġġ. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-iskrinjar, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u b'mod xieraq.
	Or. fr

Emenda 273
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jgawdu l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data, b'mod partikolari minħabba l-vulnerabbiltajiet potenzjali tagħhom, is-sensittività tad-data miġbura matul l-iskrinjar u l-konsegwenzi potenzjali tal-informazzjoni pprovduta matul l-iskrinjar għall-proċeduri ta' wara tagħhom. Il-proċedura ta' skrinjar jenħtieġ li dejjem tkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament 2018/1725 u, fejn rilevanti, id-Direttiva 2018/680, inklużi l-prinċipji

ġenerali tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-limitazzjoni tal-iskop. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-EDPB-EDPS jenħtieġ għalhekk li jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' skrinjar u fil-mekkaniżmu ta' monitoraġġ previst fl-Artikolu 7.

Or. en

Emenda 274
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jgawdu l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data, b'mod partikolari minħabba l-vulnerabbiltajiet potenzjali tagħhom, is-sensittività tad-data miġbura matul l-iskrinjar u l-konsegwenzi potenzjali tal-informazzjoni pprovduta matul l-iskrinjar għall-proċeduri ta' wara tagħhom. Il-proċedura ta' skrinjar jenħtieġ li dejjem tkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament 2018/1725 u, fejn rilevanti, id-Direttiva 2018/680, inklużi l-prinċipji ġenerali tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-limitazzjoni tal-iskop. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-EDPB-EDPS jenħtieġ għalhekk li jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' skrinjar.

Or. en

Emenda 275
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-awtorizzazzjoni jipprevjenu lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi milli jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-proċedura ta' skrinjar għall-migranti li jkunu qed ifittxu li jidħlu fl-Unjoni Ewropea.

Or. fr

Emenda 276
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar*** jenħtieġ li ***jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera***.	(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali***. Il-formola, inkluż l-Anness, jenħtieġ li jkollha perjodu ta' żamma limitat definit b'mod ċar u bbażat fuq il-prinċipju li d-data*** jenħtieġ li ***titħassar meta ma tibqax meħtieġa fir-rigward tal-finijiet li għalihom tinġabar jew inkella tiġi pproċessata. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jenħtieġ li jikseb kopja tal-formola ta' debriefing u l-informazzjoni kollha relatata miegħu jew magħha, qabel ma din tiġi trażmessa lill-awtoritajiet rilevanti. Il-kopja jenħtieġ li tkun ukoll f'lingwa li ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***jifhem u jenħtieġ li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha biex il-persuna teżerċita d-drittijiet tagħha biex tirrettifika jew tissupplimenta data jew informazzjoni pprovduta matul il-proċedura ta' skrinjar***.

Or. en

Emenda 277
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. ***Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.***	(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu.

Or. en

Emenda 278
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti ***għar-ritorn*** – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. ***Fil-każ***	(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali***, lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn*** jew lill-awtoritajiet kompetenti ***għar-rifjut ta' dħul*** – skont lil

preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li ***jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera***.

min jiġi rriferut l-individwu. ***Dan*** jenħtieġ li ***jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jawtorizzaw ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jidħlu u jew jibqgħu fit-territorju għal raġunijiet oħra taħt il-liġi nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali. L-Istati Membri jridu jiżguraw li ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar ikunu debitament infurmati minn persunal kwalifikat u mħarreġ dwar id-drittijiet tagħhom u l-possibbiltà li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 279
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. ***Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar*** jenħtieġ li ***jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew*** għall-proċedura ***fuq il-fruntiera***.	(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. ***Sabiex tiġi żgurata l-konformità, b'mod partikolari, mad-drittijiet għall-informazzjoni, l-aċċess għad-data personali u r-rettifika u għal rimedju effettiv, il-formola ta' debriefing*** jenħtieġ li ***tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat qabel ma tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn, u jenħtieġ li tinkludi kwalunkwe kumment jew oġġezzjoni possibbli mqajma mill-persuna kkonċernata kif ukoll ir-raġunijiet fil-liġi u fil-fatt li jispjegaw l-għażla tal-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar biex dik il-persuna tiġi rreferuta*** għall-

proċedura ***speċifika***.

Or. en

Emenda 280
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' ***debriefing***. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.	(24) Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' ***skrinjar***. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn – skont lil min jiġi rriferut l-individwu. Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 281
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-Istati Membri mill-possibbiltà li, fi kwalunkwe mument, jiddeċiedu li jagħtu permess ta' residenza

awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra lil ċittadin ta' pajjiż terz li jidħol jew joqgħod b'mod irregolari fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ jenħtieġ li ma tinħareġ ebda deċiżjoni ta' ritorn. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun diġà nħarġet, din jenħtieġ li tiġi rtirata jew sospiża tul iż-żmien tal-validità tal-permess ta' residenza jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn.

Or. en

Emenda 282
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċedura ta' debriefing tkun akkumpanjata minn salvagwardji proċedurali formali. Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jikkontestaw l-informazzjoni rreġistrata fil-formola ta' debriefing u jkollhom aċċess għal rimedju legali effettiv fir-rigward tal-eżitu tal-iskrinjar.

Or. en

Emenda 283
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Bil-ħsieb li jiġu żgurati proċedimenti ġusti, ċittadini ta' pajjiżi

terzi soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jkunu jafu eżattament liema informazzjoni qed tiġi rreġistrata dwarhom. Jenħtieġ li jkollhom ukoll id-dritt li jirrettifikaw jew jissupplimentaw data jew informazzjoni pprovduta matul il-proċedura ta' skrinjar.

Or. en

Emenda 284
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Id-data bijometrika meħuda matul l-iskrinjar jenħtieġ li, flimkien mad-data msemmija fl-Artikoli [12, 13, 14 u 14a] tar-Regolament Eurodac tiġi trażmessa lill-Eurodac mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-iskadenzi previsti f'dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 285
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Id-data bijometrika meħuda matul l-iskrinjar jenħtieġ li, flimkien mad-data msemmija fl-Artikoli [12, 13, 14 u 14a] tar-Regolament Eurodac tiġi trażmessa lill-Eurodac mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-iskadenzi previsti f'dak ir-Regolament.	***imħassar***

Emenda 286
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li jsir eżami ***preliminari*** tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar ***fil-fruntieri esterni*** bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura ***immedjata*** jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li ***jitqiesu*** l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli***. Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami jenħtieġ li ma jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt. L-eżami*** preliminari tas-saħħa jenħtieġ li ***jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn***.	(26) Jenħtieġ li jsir eżami tas-saħħa ***u verifiki tal-vulnerabbiltà preliminari*** fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar bil-għan li jiġu identifikati persuni ***f'sitwazzjoni vulnerabbli bi bżonnijiet speċjali, inkluż*** li jeħtieġu kura ***tas-saħħa*** jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli ***jkunu kunsiderazzjoni primarja. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat, u minn persunal mediku kwalifikat. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm persunal adegwat kemm f'termini tal-għadd ta' professjonisti mediċi kif ukoll tat-taħriġ speċifiku tagħhom, b'mod partikolari peress li dawn jistgħu jkunu qed jittrattaw mat-tfal u l-persuni li jkunu sofrew diversi avvenimenti trawmati. Kontrolli*** preliminari tas-saħħa ***u tal-vulnerabbiltà li ma jkunux tlestew matul l-iskrinjar*** jenħtieġ li ***jitkomplew minnufih fil-proċedura xierqa sussegwenti li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jiġi riferut, mingħajr preġudizzju għall-kontrolli obbligatorji tal-vulnerabbiltà li għandhom jitwettqu f'dawk il-proċeduri skont ir-Regolament (UE) Nru XX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jew id-Direttiva 2008/115 (id-Direttiva dwar ir-ritorn)***.

Or. en

Emenda 287
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar fil-fruntieri esterni bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. ***Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami jenħtieġ li ma jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt.*** L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. ***Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn.***	(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar fil-fruntieri esterni bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 288
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li ***jsir eżami preliminari*** tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar ***fil-fruntieri esterni*** bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura ***immedjata*** jew li jeħtieġu li jittieħdu	(26) Jenħtieġ li ***jsiru verifiki*** tas-saħħa ***u tal-vulnerabbiltà preliminari*** fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar bil-għan li jiġu identifikati persuni ***f'sitwazzjoni vulnerabbli*** li jeħtieġu kura ***tas-saħħa, bi***

miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li ***jitqiesu*** l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli***. Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami*** jenħtieġ li ***ma jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn***.

bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza jew proċedurali jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli ***jkunu kunsiderazzjoni primarja. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-professjonisti mediċi kwalifikati tal-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. Kontrolli preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà li ma jkunux tlestew matul l-iskrinjar*** jenħtieġ li ***jitkomplew minnufih fil-proċedura xierqa sussegwenti li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jiġi riferut, mingħajr preġudizzju għall-kontrolli obbligatorji tal-vulnerabbiltà li għandhom jitwettqu f'dawk il-proċeduri skont ir-Regolament (UE) Nru XX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jew id-Direttiva 2008/115 (id-Direttiva dwar ir-ritorn)***.

Or. en

Emenda 289
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar ***fil-fruntieri esterni*** bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. ***Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami jenħtieġ li ma***	(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa ***kkwalifikati*** tal-Istat Membru kkonċernat.

jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat. ***Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn.***

Or. en

Emenda 290
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar fil-fruntieri esterni bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami jenħtieġ li ma jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt***. L-eżami preliminari tas-saħħa jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat***. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn.	(26) Jenħtieġ li jsir eżami preliminari tas-saħħa ***mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri*** fuq il-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar fil-fruntieri esterni bil-għan li jiġu identifikati persuni li jeħtieġu kura immedjata jew li jeħtieġu li jittieħdu miżuri oħra, pereżempju iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni u ta' persuni vulnerabbli. Jekk ikun ċar miċ-ċirkostanzi li eżami bħal dan ma jkunx meħtieġ, b'mod partikolari minħabba li l-kundizzjoni ġenerali tal-persuna tidher li hija tajba ħafna, l-eżami jenħtieġ li ma jsirx u l-persuna kkonċernata jenħtieġ li tiġi infurmata b'dan il-fatt. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda fit-territorju, l-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir fejn jitqies meħtieġ mal-ewwel daqqa t'għajn.

Or. en

Emenda 291
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-

Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sottomessi għall-iskrinjar jenħtieġ li jkunu soġġetti għal verifika preliminari tal-vulnerabbiltà bil-ħsieb li jiġu identifikati kwalunkwe vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet proċedurali u ta' akkoljenza speċifiċi skont it-tifsira tal-punt 13 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Dan il-kontroll preliminari tal-vulnerabbiltà jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal valutazzjoni sħiħa tal-vulnerabbiltà fil-proċedura li jmiss kif imsemmi fl-Artikolu 21 ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 292
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Fejn jitqies meħtieġ abbażi tal-eżami preliminari tas-saħħa u ċ-ċirkostanzi individwali, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jkollhom id-dritt għal eżami mediku preliminari. L-eżami mediku preliminari jenħtieġ li jsir mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 293

Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) L-ittestjar tal-għadam jenħtieġ li jiġi offrut lil dawk skrinjati li jiddikjaraw li huma minorenni, bil-ħsieb li jiġi kkonfermat l-istatus minuri tagħhom u jiġu eskużi l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent bħala minorenni l-aktar ovvjament infondati;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-rikonoxximent jew ir-rifjut ta' status ta' minorenni fl-aktar stadju bikri, l-istadju tal-iskrinjar, jagħmel il-proċeduri sussegwenti kollha (eż. ritorn, eċċ.) aktar faċli

Emenda 294
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi b'vulnerabbiltajiet, bħal nisa tqal, anzjani, familji b'ġenitur wieħed, persuni b'diżabbiltà fiżika jew mentali immedjatament identifikabbli, persuni li viżibbilment sofrew trawma psikoloġika jew fiżika u minorenni mhux akkumpanjati. B'mod partikolari, fil-każ ta' minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-	***imħassar***

età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

Or. en

Emenda 295
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari ***lill-individwi b'vulnerabbiltajiet, bħal*** nisa tqal, anzjani, familji b'ġenitur wieħed, persuni b'diżabbiltà fiżika jew mentali ***immedjatament identifikabbli***, persuni li ***viżibbilment*** sofrew trawma psikoloġika jew fiżika ***u minorenni mhux akkumpanjati***. B'mod partikolari, fil-każ ta' ***minorenni***, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.	(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 dwar ir-rifjut ta' dħul, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/399, matul l-iskrinjar japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil] u d-Direttiva 2013/33/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].*** Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari ***lill-persuni vulnerabbli, bħat-tfal, tfal mhux akkumpanjati,*** nisa tqal, anzjani, familji b'ġenitur wieħed, persuni b'diżabbiltà fiżika jew mentali***, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' tortura u trattament inuman u degradanti, vittmi ta' vjolenza sesswali u sessista***, persuni li sofrew trawma psikoloġika jew fiżika***, persuni b'sintomi tad-disturb minn stress postrawmatiku u persuni apolidi***. B'mod partikolari, fil-każ ta' ***tfal***, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età ***u, fejn xieraq, jenħtieġ li***

jinħatar ukoll rappreżentant. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja. ***Il-prinċipju tal-"benefiċċju tad-dubju" favur il-minorenni jenħtieġ li dejjem japplika meta l-età ta' persuna ma tkunx ċara jew tkun ikkontestata, u ma tkun teżisti l-ebda dokumentazzjoni ta' sostenn li tagħti prova tal-età tiegħu/tagħha. Il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età jenħtieġ li jinbdew biss meta jkun hemm dubju raġonevoli li l-persuna mhijiex minorenni u jenħtieġ li iseħħu bil-preżunzjoni li l-persuni tkun minorenni, jirrispettaw l-aħjar interessi tat-tfal u primarjament jużaw proċeduri mhux mediċi. Jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età ma jużaw eżami billi l-persuni tiġġiegħel tinża' jew tal-ġenitalia.***

Or. en

Emenda 296
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi ***b'vulnerabbiltajiet, bħal nisa tqal***, anzjani, ***familji b'ġenitur wieħed***, persuni ***b'diżabbiltà fiżika jew*** mentali ***immedjatament identifikabbli, persuni li viżibbilment sofrew trawma*** psikoloġika ***jew fiżika u minorenni mhux***	(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma ***mal-istandards u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) xxxx/xxxx [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u*** mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi ***f'sitwazzjoni vulnerabbli, bħall-minorenni, minorenni mhux akkompanjati, persuni diżabbli***, anzjani,

akkumpanjati. B’mod partikolari, fil-każ ta’ minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b’mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar, persuni ***b'mard serju, persuni b'mard*** mentali ***u persuni li kienu ssoġġettati għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza*** psikoloġika***, fiżika jew sesswali, bħall-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili***. B'mod partikolari, fil-każ ta' minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età ***minn persunal maħruġ b'mod adegwat. Il-prinċipju tal-"benefiċċju tad-dubju" favur il-minorenni jenħtieġ li dejjem japplika meta l-età ta' persuna ma tkunx ċara jew tkun ikkontestata, u ma tkun teżisti l-ebda dokumentazzjoni ta' sostenn li tagħti prova tal-età tiegħu/tagħha***. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

Or. en

Emenda 297
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha ***jenħtieġ li*** jkunu garantiti livell ta’ għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ***jkollhom*** aċċess għal kura tas-saħħa ta’ emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi ***b’vulnerabbiltajiet, bħal nisa tqal, anzjani, familji b’ġenitur wieħed, persuni b’diżabbiltà fiżika jew mentali immedjatament identifikabbli, persuni li viżibbilment sofrew trawma psikoloġika jew fiżika u minorenni mhux***	(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha ***jridu*** jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ***l-istess kundizzjonijiet ta' akkoljenza japplikaw waqt l-iskrinjar bħal dawk stabbiliti mid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], inkluż*** aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi ***b'dawk elenkati fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE)***

akkumpanjati. B’mod partikolari, fil-każ ta’ minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b’mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.	***XXX/XXX (Direttiva dwar il-kondizzjonijiet tal-akkoljenza)***. B'mod partikolari, fil-każ ta' minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar jenħtieġ li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

Or. en

Emenda 298
Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta’ għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta’ emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi b’vulnerabbiltajiet, bħal nisa tqal, anzjani, familji b’ġenitur wieħed, persuni b’diżabbiltà fiżika jew mentali immedjatament identifikabbli, persuni li viżibbilment sofrew trawma psikoloġika jew fiżika u minorenni mhux akkumpanjati. B’mod partikolari, fil-każ ta’ minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b’mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar ***jenħtieġ li*** jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.	(27) Waqt l-iskrinjar, il-persuni kkonċernati kollha jenħtieġ li jkunu garantiti livell ta' għajxien li jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali għall-mard. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi b'vulnerabbiltajiet, bħal nisa tqal, anzjani, familji b'ġenitur wieħed, persuni b'diżabbiltà fiżika jew mentali immedjatament identifikabbli, persuni li viżibbilment sofrew trawma psikoloġika jew fiżika u minorenni mhux akkumpanjati. B'mod partikolari, fil-każ ta' minorenni, l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod adattat għat-tfal u għall-età. L-awtoritajiet kollha involuti fit-twettiq tal-kompiti relatati mal-iskrinjar ***iridu*** jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, il-privatezza, u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba diskriminatorja.

Or. en

Emenda 299
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkunux ġarrew*** id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***prevista*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.	(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkollhomx*** id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***mwettqa*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.

Or. en

Emenda 300
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkunux ġarrew*** id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***prevista*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.	(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jġorrux magħhom*** id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***pprovduta*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.

Or. en

Emenda 301
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jkunux ġarrew*** id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***prevista*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.	(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma ***jġorrux magħhom*** id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi ***pprovduta*** proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.

Or. en

Emenda 302
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma jkunux ġarrew ***id-dokumenti*** tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi prevista proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.	(28) Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma jkunux ġarrew ***jew kixfu d-dokumenti*** tal-identità u tal-ivvjaġġar meħtieġa għall-qsim legali tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li tiġi prevista proċedura ta' identifikazzjoni bħala parti mill-iskrinjar.

Or. en

Emenda 303
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25]biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni	(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25] biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni

korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (“EES”), is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (“VIS”), is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (“ETIAS”), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi (“ECRIS-TCN”), inkluż ta’ persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b’mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li titħassar b’mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. ***Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta’ persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f’daqqa, b’mod rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.***

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti.

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

Emenda 304
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25]biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod rapidu u affidabbli,	(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25] biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod rapidu u affidabbli,

filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.	filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha. ***Għall-finijiet ta' skrinjar u f'konformità mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità, meta ssir tfittxija fis-CIR, jenħtieġ li jiġu vverifikati biss l-EES, il-VIS u l-Eurodac.***
[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.	[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

Or. en

Emenda 305
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25]biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords	(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25] biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords

Kriminali għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi (“ECRIS-TCN”), inkluż ta’ persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b’mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li titħassar b’mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta’ persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f’daqqa, b’mod rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.	Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u jeħtieġ li titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.
[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.	[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

Or. en

Emenda 306
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25]biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u ***jeħtieġ li*** titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.	(29) Ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà)[25] biex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ("ECRIS-TCN"), inkluż ta' persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom. Għal dak il-għan, is-CIR fih biss l-identità, id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN, separata b'mod loġiku. Id-data personali li hija strettament neċessarja biex isir kontroll tal-identità preċiż biss tinħażen fis-CIR. Id-data personali rreġistrata fis-CIR tinżamm għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tas-sistemi sottostanti u ***trid*** titħassar b'mod awtomatiku malli d-data titħassar mis-sistemi sottostanti. Il-konsultazzjoni tas-CIR tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli u eżawrjenti ta' persuni, li tagħmilha possibbli li tiġi kkonsultata d-data kollha dwar l-identità preżenti fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'daqqa, b'mod rapidu u affidabbli, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni massima tad-data u jiġi evitat l-ipproċessar bla bżonn tad-data jew id-duplikazzjoni tagħha.
[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta'	[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta'

Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.	Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.
	Or. en

Emenda 307
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi stabbilita l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda verifika fis-CIR fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik il-verifika, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista’ tintuża d-data bijometrika ta’ persuna jew jekk ma tkunx tista’ ssir tiftixa b’dik id-data, it-tiftixa tista’ titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. ***F’konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u*** meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità***, id-data tad-dokument*** tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta’ dik il-persuna, ***mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta’ informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data***.	(30) Sabiex tiġi stabbilita l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda verifika fis-CIR fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik il-verifika, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. Meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, ***jenħtieġ li*** l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità ***u d-dokument*** tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, ***flimkien mas-sors ta' dik id-data***.
	Or. fr

Ġustifikazzjoni

B'kont meħud li wieħed mill-finijiet tal-iskrinjar huwa li jiġi ddeterminat jekk id-dħul tal-persuna huwiex ta' theddida għall-UE jew le, l-għarfien tas-sors tad-data tal-identità jista' jikkostitwixxi informazzjoni rilevanti

Emenda 308
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi ***stabbilita*** l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda ***verifika fis-CIR*** fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik ***il-verifika***, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. F'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data.	(30) Sabiex tiġi ***verifikata*** l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda ***konsultazzjoni tas-CIR*** fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik ***il-konsultazzjoni***, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. F'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data. ***L-aċċess għas-CIR mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu limitati sal-punt li d-data tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom f'konformità ma' dawk il-finijiet, u jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-objettivi li jridu jintlaħqu.***

Or. en

Emenda 309
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi stabbilita l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda verifika fis-CIR fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik il-verifika, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. F'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data.	(30) Sabiex tiġi stabbilita l-identità tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li tinbeda verifika fis-CIR fil-preżenza tal-persuna waqt l-iskrinjar. Matul dik il-verifika, id-data bijometrika tal-persuna jenħtieġ li tiġi ċċekkjata kontra d-data fis-CIR. Meta ma tkunx tista' tintuża d-data bijometrika ta' persuna jew jekk ma tkunx tista' ssir tiftixa b'dik id-data, it-tiftixa tista' titwettaq bid-data tal-identità tal-persuna flimkien mad-data tad-dokument tal-ivvjaġġar, fejn tali data tkun disponibbli. F'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u meta t-tiftixa tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun maħżuna fis-CIR, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-CIR biex jikkonsultaw id-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika ta' dik il-persuna, mingħajr ma s-CIR tipprovdi ebda indikazzjoni dwar għal liema sistema ta' informazzjoni tal-UE tappartjeni d-data. ***L-aċċess għas-CIR mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkun limitat sal-punt li jkun strettament meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi tagħhom f'konformità ma' dawk il-finijiet, u jenħtieġ li jkun proporzjonat mal-objettivi segwiti.***

Or. en

Emenda 310
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***Billi l-użu tas-CIR għal skopijiet ta' identifikazzjoni kien limitat mir-Regolament (UE) 2019/817 għall-iffaċilitar u l-assistenza fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni rreġistrati fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'sitwazzjonijiet ta' kontrolli tal-pulizija fit-territorju tal-Istati Membri, dak ir-Regolament jeħtieġ li*** jiġi emendat sabiex jipprevedi ***l-għan*** addizzjonali ***tal-użu*** tas-CIR biex jiġu identifikati persuni matul l-iskrinjar stabbilit b'dan ir-Regolament.	(31) ***Ir-Regolament 2019/817 irid*** jiġi emendat sabiex jipprevedi ***l-użu*** addizzjonali tas-CIR biex jiġu identifikati persuni matul l-iskrinjar stabbilit b'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 311
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***Billi l-użu tas-CIR għal skopijiet ta' identifikazzjoni kien limitat mir-Regolament (UE) 2019/817 għall-iffaċilitar u l-assistenza fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni rreġistrati fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'sitwazzjonijiet ta' kontrolli tal-pulizija fit-territorju tal-Istati Membri, dak ir-Regolament jeħtieġ li*** jiġi emendat sabiex jipprevedi ***l-għan*** addizzjonali tal-użu tas-CIR biex jiġu identifikati persuni matul l-iskrinjar stabbilit b'dan ir-Regolament.	(31) ***Ir-Regolament 2019/817 irid*** jiġi emendat sabiex jipprevedi ***l-iskop*** addizzjonali tal-użu tas-CIR biex jiġu identifikati persuni matul l-iskrinjar ***kif*** stabbilit b'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 312
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Minħabba li ħafna persuni soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma jġorru l-ebda dokument tal-ivvjaġġar, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokument rilevanti ieħor miżmum mill-persuni kkonċernati f'każijiet fejn id-data bijometrika ta' dawn il-persuni ma tkunx tista' tintuża jew ma tagħti l-ebda riżultat fis-CIR. L-awtoritajiet jenħtieġ ukoll li jitħallew jużaw id-data minn dawk id-dokumenti, minbarra d-data bijometrika, biex iwettqu kontrolli kontra l-bażijiet tad-data rilevanti.	(32) Minħabba li ħafna persuni soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma jġorru l-ebda dokument tal-ivvjaġġar, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokument rilevanti ieħor miżmum mill-persuni kkonċernati f'każijiet fejn id-data bijometrika ta' dawn il-persuni ma tkunx tista' tintuża jew ma tagħti l-ebda riżultat fis-CIR. L-awtoritajiet jenħtieġ ukoll li jitħallew jużaw id-data minn dawk id-dokumenti, minbarra d-data bijometrika, biex iwettqu kontrolli kontra l-bażijiet tad-data rilevanti***, għalkemm dejjem f'konformità sħiħa mal-GDPR***.

Or. en

Emenda 313
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Minħabba li ħafna persuni soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma jġorru l-ebda dokument tal-ivvjaġġar, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokument rilevanti ieħor miżmum mill-persuni kkonċernati f'każijiet fejn id-data bijometrika ta' dawn il-persuni ma tkunx tista' tintuża jew ma tagħti l-ebda riżultat fis-CIR. L-awtoritajiet jenħtieġ ukoll li jitħallew jużaw id-data minn dawk id-dokumenti, minbarra d-data bijometrika, biex iwettqu kontrolli kontra l-	(32) Minħabba li ħafna persuni soġġetti għall-iskrinjar jista' jkun li ma jġorru ***jew jikxfu*** l-ebda dokument tal-ivvjaġġar, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokument rilevanti ieħor miżmum mill-persuni kkonċernati f'każijiet fejn id-data bijometrika ta' dawn il-persuni ma tkunx tista' tintuża jew ma tagħti l-ebda riżultat fis-CIR. L-awtoritajiet jenħtieġ ukoll li jitħallew jużaw id-data minn dawk id-dokumenti, minbarra d-data bijometrika,

bażijiet tad-data rilevanti.	biex iwettqu kontrolli kontra l-bażijiet tad-data rilevanti.

Or. en

Emenda 314
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32 a) L-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mad-dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jenħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu tfittxijiet ta' proprjetà privata, appartenenza personali u apparat elettroniku għall-identifikazzjoni jew dokumenti tal-ivvjaġġar, sabiex tiġi stabbilita l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 315
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-identifikazzjoni ta’ persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta’ qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar ***u ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li***	(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar.

jiġġustifikaw tali ripetizzjoni.

Or. en

Emenda 316
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ***ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw tali ripetizzjoni***.	(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ***mgħandhomx jiġu ripetuti. Il-ġbir ta' data personali, u b'mod partikolari t-teħid ta' data bijometrika, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac], jenħtieġ li jsir darba biss bħala parti mill-iskrinjar***.

Or. en

Emenda 317
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna	(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna

mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ***ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw tali ripetizzjoni***.	mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ***mgħandhomx jiġu ripetuti. Il-ġbir ta' data personali, u b'mod partikolari t-teħid ta' data bijometrika, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac], jenħtieġ li jsir darba biss bħala parti mill-iskrinjar***.

Or. en

Emenda 318
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi ***speċjali*** li jiġġustifikaw tali ripetizzjoni.	(33) L-identifikazzjoni ta' persuni matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-punt ta' qsim tal-fruntiera u kwalunkwe konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data fil-kuntest tas-sorveljanza fil-fruntieri jew tal-kontrolli tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera esterna mill-awtoritajiet li rreferew lill-persuna kkonċernata għall-iskrinjar jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-iskrinjar u ma jenħtieġ li ma jiġux ripetuti, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi ***straordinarji*** li jiġġustifikaw ***kif xieraq*** tali ripetizzjoni.

Or. en

Emenda 319
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-	***imħassar***

implimentazzjoni tal-Artikoli 11(5) u 12(5) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni rilevanti, jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami.

---

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 320
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 11(5) u 12(5) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni rilevanti, jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami.	***imħassar***

---

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 321
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex ***ikunu*** żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli ***11(5) u 12(5)*** ta' dan ir-Regolament, ***il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni rilevanti, jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami.***	(34) Sabiex ***jiġu*** żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli ***11 (5) u 12 (5)*** ta' dan ir-Regolament, ***is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħteiġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta':***
	- il-proċedura u l-ispeċifikazzjonijiet għall-irkupru tad-data, l-ipproċessar u l-użu tad-data skont l-Artikolu 11(5),
	- il-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali tal-ECRIS-TCN, rispettivament, biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna skont l-Artikolu 12(5). Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-

konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 322
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 323
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-

Sahlani, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna ***jew għall-politika pubblika***.	(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna.

Or. en

Emenda 324
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta ***wkoll*** jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika.	(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta ***l-ewwelnett*** jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika.

Or. en

Emenda 325
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-iskrinjar ***jenħtieġ li*** jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika.	(35) L-iskrinjar ***irid*** jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika.

Or. en

Emenda 326
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika ***pubblika***.	(35) L-iskrinjar jenħtieġ li jivvaluta wkoll jekk id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna jew ***nazzjonali jew*** għall-politika ***jew l-ordni pubbliku***.

Or. en

Emenda 327
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna ***mingħajr ma jkunu*** jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, ***jew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ***, il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li ***jkunu tal-anqas*** ta' livell simili bħall-kontrolli mwettqa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, sew jekk ikunu taħt obbligu ta' viża u sew jekk le.	(36) Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna ***li jistgħu ma jkunux*** jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, ***mingħajr preġudizzju għad-dritt li jfittxu protezzjoni internazzjonali***, il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li***, sakemm ikunu konformi mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, ikunu*** ta' livell simili bħall-kontrolli mwettqa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, sew jekk ikunu taħt obbligu ta' viża u sew jekk le. ***F'dan ir-rigward, il-persuni soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jkollhom ukoll l-istess drittijiet fir-rigward***

tal-protezzjoni tad-data tagħhom bħal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 328
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) ***Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna mingħajr ma jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, jew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ,*** il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li ***jkunu tal-anqas ta' livell simili bħall-kontrolli*** mwettqa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, ***sew*** jekk ikunu taħt obbligu ta' viża ***u sew*** jekk le.	(36) Il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li ***ma jmorrux lilhinn mil-livell tal-verifiki*** mwettqa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, ***kemm*** jekk ikunu taħt obbligu ta' viża ***kif ukoll*** jekk le.

Or. en

Emenda 329
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna mingħajr ma jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, ***jew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ,*** il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li jkunu tal-anqas ta' livell simili	(36) Peress li l-iskrinjar jikkonċerna persuni preżenti fil-fruntiera esterna mingħajr ma jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, il-verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li jkunu tal-anqas ta' livell simili bħall-kontrolli mwettqa fir-rigward ta' ċittadini

bħall-kontrolli mwettqa fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, sew jekk ikunu taħt obbligu ta’ viża u sew jekk le.

ta' pajjiżi terzi li japplikaw minn qabel għal awtorizzazzjoni biex jidħlu fl-Unjoni għal soġġorn qasir, sew jekk ikunu taħt obbligu ta' viża u sew jekk le.

Or. en

Emenda 330
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li abbażi taċ-ċittadinanza tagħhom huma eżentati mir-rekwiżit tal-viża skont ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28](ir-Regolament ETIAS) jipprevedi li jridu japplikaw għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar biex jiġu fl-UE għal soġġorn qasir. Qabel ma jirċievu dik l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, il-persuni kkonċernati jiġu soġġetti għal verifiki tas-sigurtà ***tad-data personali li jippreżentaw kontra għadd ta’ bażijiet tad-data tal-UE - is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS), is-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), id-data tal-Europol ipproċessata għall-iskop imsemmi fl-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/794[29], l-ECRIS-TCN[30]– kif ukoll il-bażi tad-data ta’ Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) u l-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma’ Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol***.	(37) Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li abbażi taċ-ċittadinanza tagħhom huma eżentati mir-rekwiżit tal-viża skont ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] (ir-Regolament ETIAS) jipprevedi li jridu japplikaw għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar biex jiġu fl-UE għal soġġorn qasir. Qabel ma jirċievu dik l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, il-persuni kkonċernati jiġu soġġetti għal verifiki tas-sigurtà ***skont dak ir-Regolament***.
[27] Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’	[27] Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39).

[28] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. ***1).***

[29] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53–114).

[30] Ir-Regolament (KE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN*) *biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1–26)

14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39).

[28] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. ***1***).

Or. en

Emenda 331
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(38) Fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li huma soġġetti għar-rekwiżit tal-viża skont ir-Regolament (UE) 2018/1806, dawn jiġu soġġetti għal verifiki tas-sigurtà ***kontra l-istess bażijiet tad-data bħaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr viża,*** skont ir-Regolament (UE) 810/2009 u r-Regolament (UE) 767/2008, qabel ma tinħareġ viża.	(38) Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għar-rekwiżit tal-viża skont ir-Regolament (UE) 2018/1806, dawn jiġu soġġetti għal verifiki tas-sigurtà skont ir-Regolament (UE) 810/2009 u r-Regolament (UE) 767/2008, qabel ma tinħareġ viża.

Or. en

Emenda 332
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Mir-raġunament żviluppat fil-premessa (36) jirriżulta li fir-rigward ta’ persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li jitwettqu verifiki awtomatizzati għal finijiet ta’ sigurtà kontra l-istess sistemi li huma previsti għal applikanti għal viża jew għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar taħt is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar: il-VIS, l-EES, l-ETIAS, l-SIS, l-ECRIS-TCN, il-Europol u l-SLTD u t-TDAWN tal-Interpol. Persuni soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jiġu vverifikati wkoll kontra l-ECRIS-TCN fir-rigward ta’ persuni kkundannati għal reati terroristiċi u forom oħra ta’ reati kriminali serji, id-data tal-Europol imsemmija fil-premessa 38 preċedenti, il-bażijiet tad-data tal-Interpol ta’ Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin u tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma’ Avviżi (TDAWN).	***imħassar***

Or. en

Emenda 333
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel

Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) ***Mir-raġunament żviluppat fil-premessa (36) jirriżulta li*** fir-rigward ta' persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li jitwettqu verifiki awtomatizzati għal finijiet ta' sigurtà kontra ***l-istess sistemi li huma previsti għal applikanti għal viża jew għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar taħt is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar: il-VIS***, l-EES***, l-ETIAS***, l-SIS, ***l-ECRIS-TCN,*** il-Europol u l-SLTD ***u t-TDAWN*** tal-Interpol. ***Persuni soġġetti għall-iskrinjar jenħtieġ li jiġu vverifikati wkoll kontra l-ECRIS-TCN fir-rigward ta' persuni kkundannati għal reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol imsemmija fil-premessa 38 preċedenti, il-bażijiet tad-data tal-Interpol ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin u tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN).***	(39) Fir-rigward ta' persuni soġġetti għall-iskrinjar, jenħtieġ li jitwettqu verifiki awtomatizzati għal finijiet ta' sigurtà kontra ***l-VIS***, l-EES, l-SIS, il-Europol u l-SLTD tal-Interpol.

Or. en

Emenda 334
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jiżgura li d-data meħtieġa għat-twettiq tal-verifiki tas-sigurtà ***biss tinkiseb minn dawk il-bażijiet tad-data. Fir-rigward tal-persuni li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta'***	(40) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jiżgura li d-data meħtieġa għat-twettiq tal-verifiki tas-sigurtà ***tiġi kkonsultata u*** li ma ***jippermettix*** konsultazzjonijiet ripetuti.

qsim tal-fruntiera, il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data għall-verifika tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li tiffoka fuq il-bażijiet tad-data li ma ***kinux ikkonsultati matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-fruntiera esterna, u b'hekk jiġu evitati*** konsultazzjonijiet ripetuti.

Or. en

Emenda 335
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jiżgura li d-data meħtieġa għat-twettiq tal-verifiki tas-sigurtà ***biss tinkiseb minn dawk il-bażijiet tad-data. Fir-rigward tal-persuni li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'punt ta' qsim tal-fruntiera, il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data għall-verifika tas-sigurtà bħala parti mill-iskrinjar jenħtieġ li tiffoka fuq il-bażijiet tad-data li ma kinux ikkonsultati matul il-verifiki fuq il-fruntieri fil-fruntiera esterna, u b'hekk jiġu evitati*** konsultazzjonijiet ripetuti.	(40) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jiżgura li d-data meħtieġa għat-twettiq tal-verifiki tas-sigurtà ***jiġu kkonsultati u li jipprevjeni u jevita*** konsultazzjonijiet ripetuti.

Or. en

Emenda 336
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-	(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta'

pussess ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata f’dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. ***L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.***	ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata f'dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar.

Or. en

Emenda 337
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista’ jinkludi wkoll il-verifika ta’ oġġetti fil-pussess ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata f’dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.	(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. ***Fi kwalunkwe każ, il-verifika tal-oġġetti u, b'mod ġenerali, l-iskrinjar jenħtieġ li ma jinkludix l-aċċess għal apparati elettroniċi fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u lanqas aċċess għall-komunikazzjonijiet privati jew għall-kontijiet tal-media soċjali tagħhom.*** Kwalunkwe miżura applikata f'dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.

Or. en

Emenda 338
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata f'dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.	(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata f'dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni. ***Il-kontroll tas-sigurtà ma għandux jinkludi aċċess għal apparati elettroniċi fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u lanqas aċċess għall-komunikazzjonijiet privati jew għall-kontijiet tal-midja soċjali tagħhom.***

Or. en

Emenda 339
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe miżura applikata f'dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti	(41) Fejn ikun ġustifikat għall-fini tal-verifika tas-sigurtà, l-iskrinjar jista' jinkludi wkoll il-verifika ta' oġġetti fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, skont il-liġi nazzjonali ***u l-GDPR***. Kwalunkwe miżura applikata f'dan il-kuntest jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tirrispetta d-dinjità tal-bniedem tal-persuni soġġetti għall-iskrinjar. L-awtoritajiet involuti

jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni.	jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà tal-espressjoni***, kif ukoll salvagwardji speċifiċi għat-tfal kull meta jkunu involuti t-tfal***.

Or. en

Emenda 340
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli, din l-emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta' regolament differenti minn dak preżenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 341
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli, din l-emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta' regolament differenti minn dak preżenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 342
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna ***jew għall-politika pubblika***, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal	(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli, din l-

raġunijiet ta’ ġeometrija varjabbli, din l-emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta’ regolament differenti minn dak preżenti.

emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta' regolament differenti minn dak preżenti.

Or. en

Emenda 343
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta’ theddida għas-sigurtà interna jew ***għall-politika*** pubblika, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta’ aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal raġunijiet ta’ ġeometrija varjabbli, din l-emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta’ regolament differenti minn dak preżenti.	(42) Peress li l-aċċess għall-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet maħtura jwettqu l-iskrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna jew ***nazzjonali jew għall-ordni jew il-politika*** pubblika, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816, rispettivament, jenħtieġ li jiġu emendati biex jipprevedu dan id-dritt ta' aċċess addizzjonali li bħalissa mhuwiex previst minn dawk ir-Regolamenti. Fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 2019/816, għal raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli, din l-emenda jenħtieġ li sseħħ permezz ta' regolament differenti minn dak preżenti.

Or. en

Emenda 344
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 jenħtieġ li jintuża biex jitwettqu tfittxijiet ***kontra l-bażijiet tad-data Ewropej, l-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN***, għall-identifikazzjoni jew għall-fini ta' verifiki tas-sigurtà, kif applikabbli.	(43) Il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 jenħtieġ li jintuża biex jitwettqu tfittxijiet ***fil-EES u l-VIS***, għall-identifikazzjoni jew għall-fini ta' verifiki tas-sigurtà, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 345
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 jenħtieġ li jintuża biex jitwettqu tfittxijiet ***kontra l-bażijiet tad-data Ewropej, l-EES, l-ETIAS, il-VIS u l-ECRIS-TCN,*** għall-identifikazzjoni jew għall-fini ta' verifiki tas-sigurtà, kif applikabbli.	(43) Il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817 jenħtieġ li jintuża biex jitwettqu tfittxijiet għall-identifikazzjoni jew għall-fini ta' verifiki tas-sigurtà, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 346
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) ***Peress li l-implimentazzjoni effettiva tal-iskrinjar tiddependi mill-identifikazzjoni korretta tal-individwi kkonċernati u tal-isfond tas-sigurtà tagħhom,*** il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data Ewropej ***għal dak l-għan hija***	(44) Il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data Ewropej ***għall-iskop ta' identifikazzjoni u verifiki tas-sigurtà jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-iskop.***

ġġustifikata mill-istess objettivi li għalihom ġiet stabbilita kull waħda minn dawk il-bażijiet tad-data, jiġifieri, il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, is-sigurtà interna tal-Unjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u r-ritorn.

Or. en

Emenda 347
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) ***Peress li l-implimentazzjoni effettiva tal-iskrinjar tiddependi mill-identifikazzjoni korretta tal-individwi kkonċernati u tal-isfond*** tas-sigurtà ***tagħhom, il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data Ewropej għal dak l-għan hija ġġustifikata mill-istess objettivi*** li għalihom ġiet stabbilita kull waħda minn dawk il-bażijiet tad-data***, jiġifieri, il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, is-sigurtà interna tal-Unjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u r-ritorn***.	(44) ***Il-konsultazzjoni ta' bażijiet tad-data Ewropej għall-iskop ta' identifikazzjoni u verifiki*** tas-sigurtà ***waqt l-iskrinjar tista' tkun iġġustifikata sal-punt strettament meħtieġ biex jintlaħaq dak l-iskop u jenħtieġ li ssir f'konformità mal-objettivi*** li għalihom ġiet stabbilita kull waħda minn dawk il-bażijiet tad-data.

Or. en

Emenda 348
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-	(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-

Regolament, jiġifieri ***t-tisħiħ tal-kontroll*** ta' persuni li waslu biex jidħlu fiż-żona Schengen ***u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa***, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Regolament, jiġifieri ***ir-riferiment*** ta' persuni li waslu biex jidħlu fiż-żona Schengen ***għall-proċeduri xierqa u l-identifikazzjoni preliminarja ta' individwi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u li għandhom bżonn kura tas-saħħa, kif ukoll dawk li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna***, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak
li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 349
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Peress li ***l-objettivi*** ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ***t-tisħiħ tal-kontroll*** ta' persuni li ***waslu biex*** jidħlu fiż-żona Schengen ***u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu*** mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex	(45) Peress li ***l-objettiv*** ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ***l-identifikazzjoni*** ta' persuni li jidħlu fiż-żona Schengen ***ma jistax jinkiseb*** mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-

jintlaħqu dawk l-objettivi.	objettivi.

Or. en

Emenda 350
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ***t-tisħiħ tal-kontroll*** ta' persuni li ***waslu biex*** jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ***l-identifikazzjoni*** ta' persuni li jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 351
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li ***waslu biex*** jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-	(45) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li ***qed jipprovaw*** jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-

Unjoni. B’hekk, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 352
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Suġġett ***u kamp ta’ applikazzjoni***	Suġġett

Or. it

Emenda 353
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Suġġett ***u kamp ta’ applikazzjoni***	Suġġett

Or. en

Emenda 354
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod mhux awtorizzat, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 355
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-iskrinjar*** fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ***jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod mhux awtorizzat, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa***.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***proċedura għall-iskrinjar*** fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ***jinsabu preżenti fit-territorju tal-Istati Membri u li mhumiex suġġetti għal verifiki fil-fruntiera esterna tal-Istati Membri***.

Or. it

Emenda 356
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha*** ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod ***mhux awtorizzat, ta'*** dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ***ta'*** dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ***, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa***.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***proċedura għall-iskrinjar ta' ċittadini*** ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod ***irregolari, għal*** dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ***għal*** dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ.

Or. en

Emenda 357
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri*** taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod ***mhux awtorizzat***, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, ***qabel ma jiġu rriferuti*** għall-proċedura xierqa.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***proċedura ta' skrinjar*** taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod ***irregolari***, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, ***sabiex jirriferuhom*** għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 358
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-

ċittadini kollha ta’ pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b’mod mhux awtorizzat***,*** ta’ dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul***, kif ukoll ta’ dawk żbarkati wara operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ***, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b'mod mhux awtorizzat ***u*** ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 359
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta’ pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna b’mod mhux awtorizzat, ta’ dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta’ dawk żbarkati wara operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntiera esterna ***illegalment*** b'mod mhux awtorizzat, ta' dawk li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-verifiki fuq il-fruntieri mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, kif ukoll ta' dawk żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, qabel ma jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 360
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jissaħħaħ il-kontroll fil-fruntieri esterni

	f'każijiet li minkejja li hemm fis-seħħ miżuri ta' sorveljanza tal-fruntieri, xorta jseħħ il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkomplementa l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen dwar il-kontroll fil-fruntieri, fir-rigward tal-każijiet ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni.

Emenda 361
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament għandu jkollu bħala għan li l-Ewropa ma timteliex bil-migranti.

Or. fr

Emenda 362
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun it-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 363
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun it-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 364
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun it-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 365
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***it-tisħiħ tal-kontroll*** ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen ***u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa***.	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***ir-riferiment*** ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen ***għall-proċeduri xierqa u l-identifikazzjoni preliminarja ta' individwi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u li***

	għandhom bżonn kura tas-saħħa, kif ukoll dawk li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna.

Or. en

Emenda 366
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun it-tisħiħ tal-kontroll ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa.	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun it-tisħiħ ***tal-fruntiera esterna u*** tal-kontroll ta' persuni li jkunu se jidħlu fiż-żona Schengen u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa.

Or. en

Emenda 367
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri u li ma ġewx soġġetti għal verifiki fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskrinjar japplika wkoll għal dawk li diġà huma preżenti fit-territorju.

Emenda 368

Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***l-identifikazzjoni taċ-ċittadini*** kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u ***l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni*** soġġetti għalih ***mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna***. L-iskrinjar għandu ***jinvolvi*** wkoll verifiki tas-saħħa***, fejn xieraq, biex jiġu identifikati*** persuni vulnerabbli ***u*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll ***dawk li*** huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. ***Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.***	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***li jfittex li jidentifika ċ-ċittadini*** kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u ***li jivverifika jekk il-persuni*** soġġetti għalih ***humiex irreġistrati fil-bażijiet ta' data rilevanti***. L-iskrinjar għandu ***jinkludi*** wkoll verifiki ***obbligatorji fir-rigward*** tas-saħħa ***u tal-vulnerabbiltà biex jinbeda l-proċess tal-identifikazzjoni ta'*** persuni vulnerabbli***, dawk bi ħtiġijiet speċjali għal dak li jikkonċerna l-akkoljenza jew il-proċedura, u dawk*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa***,*** kif ukoll ***persuni li possibbilment*** huma ta' theddida għas-saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 369
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***l-identifikazzjoni taċ-ċittadini*** kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih ***u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni*** soġġetti għalih ***mhumiex*** ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu ***jinvolvi*** wkoll ***verifiki tas-saħħa, fejn xieraq,*** biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli ***u*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. ***Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.***	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun ***li jidentifika ċ-ċittadini*** kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih***, u li jivverifika jekk il-persuni*** soġġetti għalih ***humiex*** ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu ***jikkonsisti*** wkoll ***f'verifiki obbligatorji fir-rigward tas-saħħa*** biex jiġu identifikati persuni ***f'sitwazzjoni*** vulnerabbli***, dawk bi ħtiġijiet speċjali għal dak li jikkonċerna l-akkoljenza jew il-proċedura, u dawk*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa***,*** kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 370
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li ***l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna***. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni ***vulnerabbli u*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa ***kif ukoll*** dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	***L-objettiv*** tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li ***dawk il-persuni ma jirrappreżentawx riskju ta' sigurtà***. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa ***immedjata u*** dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika***, kif ukoll verifiki fir-rigward tal-vulnerabbiltà sabiex jiġu identifikati persuni vulnerabbli***. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 371
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu ***jinvolvi*** wkoll verifiki tas-saħħa, ***fejn xieraq,*** biex jiġu identifikati persuni ***vulnerabbli u fil-***	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu ***jinkludi*** wkoll verifiki tas-saħħa, biex jiġu identifikati persuni ***li jirrappreżentaw***

ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	***theddida għas-saħħa pubblika, u fejn xieraq, persuni vulnerabbli u fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa*** Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 372
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ***ta' theddida*** għas-sigurtà ***interna***. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni ***vulnerabbli u*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa ***kif ukoll*** dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ***riskju*** għas-sigurtà. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa ***u*** dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika***, kif ukoll verifiki biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli***. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. it

Emenda 373
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika

mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta’ theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu ***jinvolvi*** wkoll ***verifiki tas-saħħa, fejn xieraq,*** biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli ***u fil-ħtieġa*** tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta’ theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu ***jikkonsisti*** wkoll ***f'verifiki preliminari tas-saħħa*** biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli***, dawk bi ħtiġijiet speċifiċi għal dak li jikkonċerna l-akkoljenza jew il-proċedura, u l-ħtieġa*** tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 374
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta’ pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta’ theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli u fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta’ theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna ***jew nazzjonali jew l-ordni pubblika jew il-politika pubblika***. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli u fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. en

Emenda 375
Nadine Morano

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli ***u*** fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.	L-għan tal-iskrinjar għandu jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għalih u l-verifika mal-bażijiet tad-data rilevanti li l-persuni soġġetti għalih mhumiex ta' theddida għas-sigurtà interna. L-iskrinjar għandu jinvolvi wkoll verifiki tas-saħħa ***u eżamijiet mediċi***, fejn xieraq, biex jiġu identifikati persuni vulnerabbli fil-ħtieġa tal-kura tas-saħħa kif ukoll dawk li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika. Dawk il-verifiki għandhom jikkontribwixxu biex dawn il-persuni jiġu rriferuti għall-proċedura xierqa.

Or. fr

Emenda 376
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar għandu jitwettaq ukoll fit-territorju tal-Istati Membri meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntieri esterni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 377
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar għandu jitwettaq ukoll fit-territorju tal-Istati Membri meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntieri esterni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 378
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar għandu jitwettaq ukoll fit-territorju tal-Istati Membri meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntieri esterni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 379
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar ***għandu*** jitwettaq ukoll fit-territorju tal-Istati Membri ***meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li*** ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu soġġetti għal verifiki ***fuq il-fruntieri esterni***.	L-iskrinjar ***jista'*** jitwettaq ukoll fit-territorju tal-Istati Membri ***anki meta*** ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu ***diġà ġew*** soġġetti għal verifiki.

Or. fr

Emenda 380
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel

Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'konformità sħiħa mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, inklużi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), id-dritt internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"), l-obbligi marbutin mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u d-drittijiet fundamentali. Skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandhom jittieħdu fuq bażi individwali u jkunu soġġetti għal rimedji effettivi. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja meta jiġi implimentat dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 381
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'konformità sħiħa mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, inklużi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), id-dritt internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta'

Lulju 1951 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"), l-obbligi marbutin mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u d-drittijiet fundamentali. Skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandhom jittieħdu fuq bażi individwali u jkunu soġġetti għal rimedji effettivi.

Or. en

Emenda 382
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna" tfisser qsim ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, f'postijiet li mhumiex punti ta' qsim tal-fruntiera jew f'ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/399;	***imħassar***

Or. en

Emenda 383
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna" tfisser qsim ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, f'postijiet li	***imħassar***

mhumiex punti ta' qsim tal-fruntiera jew f'ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/399;

Or. en

Emenda 384
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a "ċaħda tad-dħul" għandha l-istess tifsira tat-terminu kif definit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399 u tinvolvi l-istess obbligi u, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandha tapplika biss għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom ma daħlux fit-territorju tal-Istati Membri u jinstabu f'punt ta' qsim tal-fruntiera tal-art u tal-ajru uffiċjali;

Or. en

Emenda 385
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. "data bijometrika" tfisser data tal-marki tas-swaba' għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 386
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "data bijometrika" tfisser data tal-marki tas-swaba' għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 387
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "persuni vulnerabbli" tfisser minuri, minuri mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal minuri u persuni li ġew soġġettati għal tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali kif imsemmija fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva (UE) 2008/115;

Or. en

Emenda 388
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "test tal-għadam" it-twettiq ta' eżami mediku, li jinkludi t-teħid ta' raġġi-X u tqabbil tagħhom ma' atlas, bil-għan li

	jiġi ddeterminat, bejn wieħed u ieħor minħabba marġini ta' żball, jekk persuna hijiex adulta jew minorenni;

Or. fr

Emenda 389
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "persuna mingħajr Stat" tfisser persuna mingħajr Stat kif stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, iffirmata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954;

Or. en

Emenda 390
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "persuna mingħajr Stat" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, iffirmata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954.

Or. en

Emenda 391
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. "persuna mingħajr Stat" tfisser persuna mingħajr Stat kif stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, iffirmata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954, fil-verżjoni oriġinali tagħha;

Or. en

Emenda 392
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni, inkluża awtorità pubblika magħżula mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti, bil-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa, inkluż fir-rigward tat-trattament u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' minorenni, sabiex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu f'isem minorenni mhux akkumpanjat, kif applikabbli, sabiex jissalvagwardjaw l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tiegħu jew sabiex il-minorenni mhux akkumpanjat ikun jista' jgawdi d-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 393
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit- it-territorju tal-Istat Membru mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih, kemm jekk bil-liġi kif ukoll bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għaż-żmien li huwa jew hija ma tkunx fil-kura ta' tali adult; tinkludi minorenni li ma jibqax akkompanjat wara li jkun daħal fit-territorju ta' Stat Membru, kif definit fid-Direttiva (UE) XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

Or. en

Emenda 394
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. "gwardjan" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal, u l-benesseri tagħhom, u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ, kif definita fl-Artikolu 4(2)(f) tar-Regolament (UE) XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil);

Or. en

Emenda 395
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel

Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. "persuni bi bżonnijiet speċjali": tfisser persuna li teħtieġ kundizzjonijiet jew garanziji speċjali sabiex tibbenefika mid-drittijiet u biex tosserva l-obbligi previsti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 396
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5d. "tfal" tfisser kull bniedem taħt it-tmintax-il sena kif definit fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif adottata u miftuħa għall-iffirmar, ir-ratifika u l-adeżjoni bir-riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali tal-20 ta' Novembru 1989 u li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990;

Or. en

Emenda 397
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5e. "persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli" tfisser persuni li qed jiffaċċjaw kapaċità mnaqqsa biex jirreżistu, ilaħħqu, jew jirkupraw minn vjolenza, sfruttament, abbuż jew ksur tad-drittijiet tagħhom minħabba l-preżenza ta' individwu, komunità, unità domestika, fatturi strutturali jew sitwazzjonali li jżidu r-riskju ta', u l-esponiment għal, tali vjolenza, sfruttament, abbuż, jew ksur ta' drittijiet, jew minħabba n-nuqqas ta' fatturi li jipproteġu minn tali vjolenza, sfruttament, abbuż u ksur ta' drittijiet, bħall-minorenni, minorenni mhux akkompanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħedhom bi tfal minorenni, persuni leżbjani, gay, bisesswali, trans u intersesswali, persuni li jappartjenu għall-minoranzi reliġjużi, persuni li ma jemmnux, u persuni li ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali u bbażata fuq il-ġeneru;

Or. en

Emenda 398
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skrinjar fil-fruntiera esterna	***Kamp ta' applikazzjoni***

Or. en

Emenda 399
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skrinjar fil-fruntiera esterna	***Kamp ta' applikazzjoni***

Or. it

Emenda 400
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skrinjar ***fil-fruntiera esterna***	Skrinjar

Or. en

Emenda 401
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skrinjar ***fil-fruntiera esterna***	Skrinjar

Or. en

Emenda 402
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta’ pajjiżi terzi li:	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi***, irrispettivament minn jekk dawn ikunux applikaw għall-protezzjoni***

internazzjonali, li:

Or. it

Emenda 403
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li:	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi***, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ippreżentaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali,*** li:

Or. en

Emenda 404
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru***, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew***	(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru

Or. en

Emenda 405
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim ***mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna*** ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 ***għal raġunijiet għajr l-età tagħhom***, jew	(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim ***irregolari tal-fruntieri esterni*** ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom***, għal raġunijiet għajr l-età tagħhom,*** l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013, jew

Or. en

Emenda 406
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim ***mhux awtorizzat*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew	(a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew

Or. en

Emenda 407
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 408
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru ***wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ***.	(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru ***minn NGOs***.

Or. fr

Emenda 409
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ.	(b) ***suppost jintbagħtu lura lejn il-port ta' oriġini iżda minflok*** jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ.

Or. en

Emenda 410
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat	(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat

Membru wara operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ.	Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ ***u ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399***.

Or. it

Emenda 411
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta’ Stat Membru wara operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ.	(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ ***u ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399***.

Or. en

Emenda 412
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar għandu japplika għal dawk il-persuni irrispettivament minn jekk ikunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. it

Emenda 413
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskrinjar għandu japplika għal dawk il-persuni irrispettivament minn jekk ikunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 414
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-iskrinjar għandu japplika wkoll għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera esterna jew f'żoni ta' tranżitu u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.	***imħassar***

Or. it

Emenda 415
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-iskrinjar għandu japplika wkoll għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera esterna jew f'żoni ta' tranżitu u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.	2. L-iskrinjar għandu japplika wkoll għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera esterna jew ***f'kwalunkwe parti oħra tal-fruntieri esterni jew*** f'żoni ta' tranżitu u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament

(UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 416
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-iskrinjar ***huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu*** 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***, ħlief is-sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju ta' deċiżjoni individwali maħruġa mill-Istat Membru abbażi tal-Artikolu 6(5)(c) ta' dak ir-Regolament ikun qed ifittex protezzjoni internazzjonali***.	3. L-iskrinjar ***għandu japplika wkoll għall-persuni koperti mill-Artikolu*** 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. fr

Emenda 417
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-iskrinjar huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***, ħlief is-sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju ta' deċiżjoni individwali maħruġa mill-Istat Membru abbażi tal-Artikolu 6(5)(c) ta' dak ir-Regolament ikun qed ifittex protezzjoni internazzjonali***.	3. L-iskrinjar huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 418
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom fejn m'hemmx indikazzjoni li qasmu fruntiera esterna biex jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat u li diġà ġew suġġetti għall-iskrinjar f'Stat Membru;

Or. en

Emenda 419
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Matul l-iskrinjar, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) xxxx/202x [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil] u tad-Direttiva 2013/33/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] għandhom japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kollha mill-mument li jesprimu x-xewqa tagħhom li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 420
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għandhom ifittxu fl-EES fis-sens tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 (Regolament EES) sabiex jiċċekkjaw jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz qasamx il-fruntiera esterna minn punt ta' qsim tal-fruntiera uffiċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament EES jipprevedi l-aċċess mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni biex jiċċekkjaw jekk iċ-Ċittadin ta' Pajjiż Terz jissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul u ta' soġġorn fit-territorju tal-Istat Membru.

Emenda 421
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Awtorizzazzjoni għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru	
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.	
2. Meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jitwaqqaf u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' penali kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.	

Or. en

Emenda 422
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4 ***Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.***	4 ***Obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-iskrinjar***

Or. en

Emenda 423
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorizzazzjoni għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru	Awtorizzazzjoni għad-dħul ***u s-soġġorn*** fit-territorju ta' Stat Membru

Or. en

Emenda 424
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 425
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija*** fl-Artikolu ***3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru***.	1. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandhom, għat-tul taż-żmien tal-proċedura, jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet determinanti fil-postijiet imsemmija*** fl-Artikolu ***6(1). L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet f'dan is-sens fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom bil-għan li jikkompletaw il-verifiki neċessarji***.

Or. it

Emenda 426
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu ***3(1) u (2)*** ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.	1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu ***3*** ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. fr

Emenda 427
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ***ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu*** fit-territorju ta' Stat Membru.	1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ***għandhom jingħataw akkomodazzjoni adegwata u aċċess għal servizzi xierqa u jingħataw l-awtorizzazzjoni li jibqgħu*** fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 428
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma ***għandhomx*** ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.	1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma ***għandhom taħt l-ebda ċirkostanza*** ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 429
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru.	1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru. ***Madankollu, dawk il-persuni għandhom dejjem jingħataw id-dritt li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru matul il-proċedura tal-iskrinjar u li jiġu trattati b'mod konformi mal-istandards bażiċi tal-bniedem rikonoxxuti skont l-Artikolu 31 tal-***

Konvenzjoni ta' Ġinevra (1951).

Or. en

Emenda 430
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta’ Stat Membru.	1. Matul l-iskrinjar, il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru. ***Dan għandu japplika b'mod analogu għall-persuni msemmija fl-Artikolu 5.***

Or. en

Emenda 431
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a Filwaqt li l-persuni msemmija fl-Artikolu 3 jeħtiġilhom jibqgħu disponibbli għall-awtoritajiet li qed iwettqu l-iskrinjar, huma ma għandhomx jiġu detenuti biss minħabba t-twettiq tal-iskrinjar; L-Istati Membri għandhom l-ewwel jikkunsidraw miżuri li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment ta' dawn il-persuni kif previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], jew għandu jkollhom rikors għal alternattivi oħra li mhumiex id-detenzjoni. Tali alternattivi għandhom ikunu disponibbli kemm fil-liġi kif ukoll fil-fatt fil-livell nazzjonali u jistgħu

jingħataw, b'mod partikolari, lil applikanti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, b'mod partikolari lill-familji bi tfal jew persuni vulnerabbli oħra.

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu biss li jżommu applikant f'detenzjoni sakemm ma jkun evalwa b'mod individwali l-każ tal-applikant u effettivament ikkunsidra alternattivi għad-detenzjoni jew miżuri inqas koerċittivi, u fuq l-ebda bażi oħra ħlief f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Tali deċiżjonijiet għandhom li jkunu soġġetti għal superviżjoni ġudizzjarja. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jikkunsidraw alternattivi għad-detenzjoni, b'mod partikolari għal minorenni u applikanti b'vulnerabbiltajiet speċifiċi. Fejn possibbli, il-minorenni għandhom jiġu akkomodati f'postijiet mhux kustodjali, ibbażati fil-komunità, sakemm ikun qed jiġi solvut l-istatus tal-immigrazzjoni tagħhom. Il-minorenni mhux akkumpanjati u tfal ma' familji qatt ma għandhom jinżammu f'detenzjoni u għandhom jitqiegħdu f'ambjenti ta' kura alternattiva xierqa fis-sistema nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal f'konformità mal-aħjar interessi tagħhom u filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tagħhom.**

Or. en

Emenda 432
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandhom jibqgħu, għat-tul taż-żmien tal-proċedura, għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-iskrinjar

fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1).

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali f'dan is-sens bil-għan li jiġu kkompletati l-verifiki neċessarji.

Or. en

Emenda 433
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) xxxx/xxxx [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] għandhom japplikaw għall-persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva, mill-mument li jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 434
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu detenuti sabiex jiġi impedit id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 435
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jitwaqqaf u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' penali kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. it

Emenda 436
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jitwaqqaf ***u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' penali kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament***.	2. Meta jkun jidher ċar matul l-iskrinjar li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-iskrinjar għandu jitwaqqaf.

Or. en

Emenda 437
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-iskrinjar għandu jitwaqqaf meta iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri, għall-pajjiż ta' oriġini, residenza jew pajjiż terz ieħor li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jiddeċiedi li jirritorna volontarjament u fejn huwa hu aċċettat.

Or. en

Emenda 438
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' skrinjar fir-rigward tal-elementi kollha tal-iskrinjar kif stabbiliti fl-Artikolu 6(6), billi jipprovdu:
	a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess u n-nazzjonalità kif ukoll dokumenti u informazzjoni li jistgħu jservu ta' prova għal din id-data;
	b) il-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX (Ir-Regolament EURODAC);

Or. en

Emenda 439
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 5	***imħassar***
5 L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	
L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	

Or. en

Emenda 440
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
5 L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	
L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	

Or. en

Emenda 441
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
5 L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	
L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	

Or. en

Emenda 442
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

imdaħħal fl-Artikolu 3.

Emenda 443
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat. ***Dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jitqiesu bħala persuni li ma daħlux fit-territorju tal-Istat Membru, u l-Artikolu 4 għandu japplika b'mod analogu.***

Or. en

Emenda 444
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma meħtieġa li jkollhom magħhom dokument ta' vjaġġar b'timbru tad-dħul fis-sens tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/399. In-nuqqas ta' tali timbru tad-dħul għandu jkun indikattiv tad-dħul b'mod mhux awtorizzat fl-Unjoni Ewropea miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li għalih ikun japplika l-iskinjar.

Or. en